MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1177/2004

**Valletta Freight Services Limited**

**Vs**

**Victor Calleja Trading Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm74 (erbgha u sebghin lira Maltin) rapprezentanti import ta' noll u *charges* ohra dovuti in konnessjoni mal-garr u skarikar ta' merkanzija li waslet Malta bl-ajru fit-13 ta' Gunju, 2003 fuq l-ajruplan bil-*flight number* KM742 u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-Ittra Ufficjali.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tat-22 t'April, 2004.
Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Mario Tellus jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------